MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 2 ta' Lulju, 2015

# Malta minn tal-ewwel fost pajjiżi oħra Ewropej fl-aċċess tal-*broadband*

L-aħħar *Digital Agenda Scoreboard*, rapport ippubblikat ta' kull sena mill-Kummissjoni Ewropea, jindika li Malta żammet l-ewwel post fost it-28 stat membru tal-UE fil-*coverage* tan-*next generation broadband network*. Fil-parti tar-rapport marbuta mal-konnettività, u li tevalwa l-infrastruttura u l-kwalità tal-*broadband*, Malta telgħet ukoll żewġ pożizzjonijiet 'il fuq milli kienet fl-2013 u llum, wara biss sentejn, tinsab fid-disa' post. L-iskop ta' dan l-eżerċizzju mill-Kummissjoni Ewropea huwa li jkejjel il-progress tal-ekonomija diġitali Ewropea fis-sena kalendarja li tkun għaddiet.

Is-suċċess ta' Malta jispikka aktar meta wieħed iqabbel il-progress li għamlet Malta f'kuntrast mal-medja Ewropea. Waqt li n-*network coverage* f'Malta, kemm għall-*fixed broadband,* kif ukoll għan-*Next Generation Access*, jilħaq l-100%, il-medja Ewropea hija ta' 97% u 68% rispettivament.

L-iktar notevoli jibqa' l-progress rrapportat fir-rigward ta' żieda fin-numru ta' sottoskrizzjonijiet għas-servizzi *broadband* b'veloċità għolja. F'sena waħda biss, l-għadd ta' djar Maltin li issa qed igawdu minn servizz ta' broadband b'veloċità ta' 30 Mbps jew iżjed, żdied b'41 punt perċentwali. Dan ifisser li waqt li fl-2012 u fl-2013 il-persentaġġ ta' djar li kellhom dan it-tip ta'servizzi kien ilaħħaq għal 2% u 14% rispettivament, illum il-persentaġġ huwa ta' 55%.

Dan tassew huwa żvilupp pożittiv ħafna. Fi kliem Dr Edward Woods, Ċermen tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), "dawn iċ-ċifri huma nkoraġġanti u jirriflettu d-direzzjoni pożittiva li s-settur tal-komunikazzjoni elettronika qabad. L-investiment mill-operaturi, kif ukoll l-isforzi tagħhom biex joħorġu bi prodotti u servizzi ta' kwalità għolja u ta' valur għall-flus ċertament qed iħallu l-frott mixtieq".

Lejn tmiem is-sena 2013, ġie mniedi s-servizzi tat-teknoloġija *LTE* (*4G mobile*). L-aħħar riżultati ippublikati fl-*Scoreboard* ikkonfermaw il-progress kbir li sar fi żmien relattivament qasir meta llum il-fuq minn żewġ terzi tal-pajjiż huma milħuqa minn dan is-servizz. Il-firxa ta' dan is-servizz hu mistenni jiżdied konsiderevolment sal-aħħar tas-sena, b'riżultat ta' investiment kontinwu mill-operaturi lokali.

Dr Woods temm jgħid li "l-MCA ser tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tassigura ambjent li joffri l-aqwa kundizzjonijiet li jħajjru aktar investiment, biex permezz ta' dan, dawk kollha fl-industrija jkunu f'pożizzjoni li jissuktaw b'offerti ġodda u b'servizz mill-aqwa".

Meta kkummenta dwar dawn ir-riżultati, is-Segretarju Parlamentari għall-Kompetittività u t-Tkabbir Ekonomiku, l-Onor. Dr José Herrera, qal li "l-progress irrappurtat huwa sinjal ċar li Malta tinsab fit-triq it-tajba sabiex tilħaq il-miri tal-aġenda diġitali fiż-żmien stipulat. Tafferma mill-ġdid ukoll il-politika u d-direzzjoni strateġika li adottajna fl-aħħar snin fejn ħdimna bi sħiħ biex niffaċilitaw u ninkorġixxu l-investiment mill-operaturi, kif ukoll nedejna numru ta' inizzjattivi biex inħajjru aktar individwi u negozji biex jieħdu sehem attiv fl'ekonomija diġitali, biex fl-aħħar mill-aħħar nilħqu l-għan ewlieni tagħna, dak li insaħħu ttkabbir ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna".

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840